MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Numru. 310/2003

Il-Pulizija
(Spettur Raymond D'Anastas)
vs
Keith Galea

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Keith Galea, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 155880 (M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fl-14 ta' Jannar, 2003 ghall-habta tas-siegha ta' wara l-ikel gewwa Hal-Qormi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin, imma hija izjed minn Hamsin Lira Maltin u li l-imsemmija hsara saret fuq vettura numru EAP 705 u dan ghad-dannu ta' Angelica Apap;

Akkuzat ukoll talli fil-perjodu operativ ta’ sentenza ta’ sentejn prigunerija sospizi ghall-erba’ snin, ikkommetta reat li huwa punibbli bi prigunerija;

Il-Qorti giet mitluba illi f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta tal-familja Apap billi torbot lill-hati b’obbligazzjoni taht penali ta’ somma ta’ flus li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fl-14 ta’ Jannar, 2003 Angela Apap ghamlet rapport l-ghassa dwar incident li sehh go darha fis-sens illi kellha argument mat-tifla taghha Graziella u giet fl-idejn maghha.  Angela Apap spjegat illi l-imputat huwa l-boyfriend tat-tifla taghha Graziella.  Ix-xhud qalet illi dakinhar sabiex tiddefendi ruhha tat daqqa go halq bintha u qasmitilha xuftejha.  Dak il-hin gie l-imputat u bintha nizlet tiftahlu l-bieb ta’ barra. X’hin l-imputat ra lil bintha bid-demm ma xuftejha beda jargumenta max-xhud.  Bdew jitghajjru, it-tifla taghha telghet fil-karozza mal-imputat, l-imputat startja l-karozza u baqa diehel gol-vettura tax-xhud.  Angela Apap kompliet tixhed illi l-imputat kien ipparkjat wara l-vettura taghha, startja il-vettura tieghu, saq ghal fuq il-vettura taghha, rega’ irriversja u telaq minn fuq il-post.  Hija qalet illi hafret lill-imputat ta’ dak illi gara.  Fiz-zmien in kwistjoni bintha kienet tqila minghand l-imputat u illum il-gurnata ghandha t-tarbija tieghu.  Hija kompliet tixhed illi bintha issa marret tghix mal-imputat u qalet ukoll illi l-imputat illum il-gurnata

jahdem mar-ragel taghha u lilha qalilha illi huwa dispost ihallsilha l-ispejjez tal-hsarat li sofriet fil-vettura taghha.

Illi fuq talba tal-Qorti, Marianne Zammit, ufficjal tal-probation, hejjiet "pre-sentencing inquiry report" fil-konfront tal-imputat.

Illi irrizulta mill-"pre-sentencing inquiry report" ipprezentat minn Marianne Zammit illi l-imputat ghandu l-problema tal-abbuz tal-alcohol. Huwa ghandu relazzjoni stabbli mat-tfajla tieghu u ghandhom ukoll zewgt itfal. Marianne Zammit kellmet lill-Ufficjal tal-Probation illi wkoll tiehu hsieb l-imputat, certa Mary Grace Vella, illi infurmatha illi l-imputat ghandu bzonn ghajnuna psikologika jew psikjatrika u dana peress illi ibaghti minn impulsivita u aggressivita. Marianne Zammit ikkonkludiet illi l-imputat ghandu l-problema ta' impulsivita, li gejja minn diversi fatturi, li qeghdin ixekkluh. Finalment dan l-element ser ikun ta' dannu kemm ghalih u kif ukoll ghas-socjeta'. Ghal dan il-ghan l-individwu ghandu jinghata l-ghajnuna mehtiega. Hija irrakkomandat illi l-imputat jinghata opportunita fil-komunita b'supervizjoni mill-Uficcju tal-Probation. Hija issuggerit ukoll illi l-imputat jigi riferut ghand psikjatra u jekk ikun hemm bzonn jiehu l-kura necessarja.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn ammetta illi kien baqa' diehel fil-karozza ta' omm it-tfajla tieghu, ghaliex ma jafx, jaf li kien mahruq. Umbaghad qal illi ghamel hekk ghaliex ommha bdiet tghajjru u tghid affarijiet illi wegghuh u dejquh. Dak il-hin ma qies xejn. Mistoqsi kienx dispost jaghmel tajjeb ghall-hsarat li kienu jammontaw ghal madwar tlett mitt lira, huwa qal li jaghmel tajjeb ghall-hsarat jekk missieri it-tfajla tieghu jaghmel tajjeb ghall-hsarat li sofra hu madwar hmistax il-gurnata wara f'incident separat. Huwa qal ukoll illi ghamel dak illi ghamel ghaliex dak il-hin gab quddiem ghajnejh illi omm it-tfajla setghet wegghet lit-tarbija li kien qieghed jistenna minghand it-tfajla tieghu.

Illi l-Qorti innominat lill-psikjatra Dr Peter Muscat sabiex jezamina lill-imputat u effettivament Dr Muscat xehed il-Qorti u ipprezenta r-relazzjoni tieghu.

Illi effettivament l-imputat ghandu kazijiet ohrajn pendenti l-Qorti, jinsab akkuzat b'attentat ta' qtil li sehh f'Settembru 2001 u fis-sajf tal-2003 saq fuq il-karozza ta' xi hadd wara gurnata xoghol hazina ghaliex hass u haseb li din il-persuna kienet qeghda toffendih. L-imputat informa lil Dr Peter Muscat illi huwa ibaghati bil-burdati, gieli jkun hemm xi gurnata li kollox ikun hazin u jaghmel il-buri. Huwa gieli isir vjolenti hafna meta ihossu ipprovokat. Meta isib xi persuna li ittellahomlu jintilef u ma jkunx jista jikkontrolla r-rabja, umbaghad wara jiddispjacih. Mat-tfajla imur tajjeb, hlief ghal xi argumenti normali u generalment ikunu zghar. L-imputat informa lil Dr Muscat illi gieli jixrob hafna mal-hbieb, imma mhux ta' kuljum u d-drogi qatt ma ha. Dr Muscat sab illi l-imputat ma kellu l-ebda sinjali ta' anzjeta, jew dwejjaq, ma kellu l-ebda deluzjonijiet, paranoja, jew allucinazzjonijiet. Il-koncentrazzjoni u l-memorja tieghu kienu normali. Il-livell ta' intelligenza huwa wkoll normali. Il-hsibijiet tieghu huma normali u ghandu apprezzament sew tal-problemi fl-imgieba tieghu. L-istat mentali tieghu huwa essenzjalment normali, pero' hemm difett fil-personalita tieghu.

Id-djanjsi kienet illi huwa persuna emozzjonalment instabbli u ghandu disordni fil-personalita peress illi huwa impulsiv. Dr Muscat ikkonkluda li din it-tip ta' personalita hija pjuttost difficli biex tinbidel, pero' jekk wiehed jiehu kura psikologika hemm izjed cans li l-imgieba maz-zmien titjieb.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat ma ammettiex l-akkuzi, izda l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat u ghaldaqstant il-Qorti issib lill-imputat fuq imsemmi hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 325 (1) (b) u 28 B tal-Kap. 9.

Il-Qorti ikkunsidrat għall-fini ta' piena l-fatt illi l-ħati, kif ikkonkludiet l-Uffiċjal tal-Probation Marianne Zammit, għandu problema ta' impulsivita. Dan l-element ta' impulsivita ser ikun ta' dannu kemm għalih kif ukoll għas-soċjeta' in ġenerali. Hija irrakkomandat illi l-ħati jiġi riferut għand psikjatra.

Illi effettivament Dr Peter Muscat illi kien ġie maħtur mill-Qorti sabiex jipprezenta r-relazzjoni tiegħu wara li jeżamina lill-imputat ikkonkluda illi l-ħati għandu difett fil-personalita tiegħu fis-sens illi huwa persuna emozzjonalment instabbli u għandu diżordni fil-personalita peress illi huwa impulsiv. Dr Muscat ikkonkluda illi din it-tip ta' personalita hija pjuttost diffiċli biex tinbidel u bil-kura hemm ċans illi l-imġieba maż-żmien titjieb iżda qatt ma tiġi normali. Il-Qorti ikkunsidrat illi r-reat kommess mill-imputat kien wieħed serju speċjalment tenut kont ukoll tal-fatt illi permezz ta' dan ir-reat huwa irrenda ruħu wkoll ħati talli ikkommetta reat punibbli bi priġunerija f'perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin.

Għaldaqstant il-Qorti tara illi issa wasal iż-żmien illi l-imputat jagħmel il-kontijiet tiegħu mas-soċjeta' u dana peress illi ingħata opportunitajiet biżżejjed sabiex jirriforma ħajtu iżda baqa' ma għamel xejn sabiex effettivament jirriforma ħajtu.

Illi huwa minnu illi l-parte civile infurmat lill-Qorti illi ġiet ikkompensata mill-ħati iżda il-Qorti trid tara illi issir ġustizzja wkoll mas-soċjeta' in ġenerali.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija il-Qorti tordna illi s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrat fl-ismijiet il-Pulizija vs Keith Galea datata 18 ta' Ottubru, 1999, u li permezz tagħha l-imputat Keith Galea kien ingħata sentenza ta' sentejn ħabs sospiżi għal erba' snin minn dakinhar, jiġifieri mit-18 ta' Ottubru, 1999, għandha tibda isseħħ. Inoltre l-Qorti tikkundanna lill-ħati Keith Galea, misjub ħati kif diġa intqal, għall-piena ta' priġunerija ta' ħames xhur u dana fir-rigward ta' l-ewwel

akkuza migjuba kontra tieghu u cioe’ dik tal-hsara volontarja.

Inoltre l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 u torbot lill-hati bl-obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ multa ta’ mitt lira ghall-perjodu ta’ tnax il-xahar mill-gurnata illi huwa johrog mill-habs milli b’xi mod jimmolesta aktar lil familja Apap.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------